# Q O R T I   C I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 22 ta' Marzu 2018**

Rikors Guramentat Nru.  239 / 11RGM

Kawza fil-lista: 20

**X W**
**vs**
**Y R *sive* F W**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet zzewgu fid-19 ta' Lulju 1985 fir-Registru taz-Zwigijiet, il-Belt Valletta. Huma kellhom tifla li twieldet fis-sitta ta' Marzu 1986. Il-partijiet infirdu legalment permezz ta' kuntratt ippublikat min-Nutar Liza Camilleri fit-13 ta'April 2005.

2. Illi ghalkemm kien jidher li l-istess zwieg kien validu effittivament dan ma kienx.

3. Illi inoltre l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essezjali tal-hajja mizzewga.

4. Illi l-istess esponent ghandu interess li z-zwieg ikkontrattat fid-19 ta'Lulju 1985 jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u ghalhekk qed isir dan ir-rikors.

5. Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li zwieg ikkontrattat fid-19 ta' Lulju 1985 bejn il-partijiet jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu, stante illi ma jezistu l-ebda elementi indikati fil-Ligi li jaghti lok ghad-dikjarazzjoni ghall-annullament ta' dan iz-zwieg, kollox kif ser jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza u skond l-affidavit tal-esponenti.

Illi zewg l-esponenti diga ghamel attentat fit-Tribunal tal-Knisja biex jannulla z-zwieg tieghu mal-esponenti, liema attentat falla bl-ikrah, billi b'decizjoni mit-Tribunal Ekklezjastiku prim' istanza tat-3 ta' Jannar 2007 u kkonfermata mill-istess Tribunal fit-tieni stanza, fid-9 ta' Novembru 2009, it-Tribunal Ekklezjastiku fiz-zewg istanzi kien iddecieda "dan ifisser li z-zwieg taghkom ma giex ipprovat li huwa null".

Illi bla pregudizzju ghall-premess, f’kaz illi din il-Qorti tilqa’ din it-talba attrici, l-esponenti m'ghandha thallas l-ebda spejjez ta' dawn il-proceduri, billi hi certament dejjem izzewget bil-hsieb li tizzewweg u skond kif ghandu jkun iz-zwieg, u cioe, ma’ ragel wiehed u ghal dejjem.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat id-digriet taghha moghti waqt l-udjenza tal-5 ta’ Jannar 2012 fejn innominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr Barbara O’Brien sabiex tisma’ x-xhieda viva voce f’din il-kawza;

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-11 ta' April 2013 fejn irrevokat l-inkarigu ta' Dr. Barbara O'Brien u nnominat minflokha lil Dr. Juliana Scerri Ferrante;

Rat id-digriet taghha moghti *in camera* fit-22 ta' Jannar 2016 fejn regghet innominat lil Dr. Barbara O'Brien sabiex tkompli tigbor il-provi tal-partijiet;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet ipprezentati mill-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur ifittex dikjarazzjoni li z-zwieg tieghu mal-konvenuta, li gie ikkontrattat civilment fid-19 ta' Lulju 1985, huwa null ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Att taz-Zwigijiet [Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta]. Il-konvenuta tikkontesta t-talba attrici billi ssostni li z-zwieg taghhom huwa wiehed validu tant illi t-Tribunal Ekklezjastiku f'zewg istanzi cahad it-talba tal-attur biex iz-zwieg kattoliku bejn il-partijiet jigi dikjarat li huwa null.

Qabel xejn il-Qorti ma tistax ma tosservax il-hela deplorevoli da part ital-partijiet ta' seduti quddiem l-assistent gudizzjarju tant illi minn sitta u tletin seduta mizmuma quddiem l-assistent gudizzjarju, hmistax minnhom biss intuzaw biex jitressqu l-provi. Barra minn hekk, jirrizulta wkoll illi l-attur dam kwazi sentejn biex jibda jressaq il-provi tieghu.

**Provi**

*Verzjoni tal-Attur*

**L-attur X W xehed permezz ta' Affidavit** ipprezentat fl-10 ta' April 2013 u xehed ukoll **in kontro-ezami** quddiem l-Assistent Gudizzjarju[1].

L-attur jghid illi meta ltaqa' mal-konvenuta, huwa kien qieghed f'relazzjoni ma' ohtha Tessa, u kienet il-konvenuta li insistiet li tohrog mieghu ghalkemm hija kienet mizzewga dak iz-zmien u, skont hu, kienet taf ukoll li huwa kellu din ir-relazzjoni extramaritali ma' ohtha li wkoll kienet mizzewga. Jghid illi hu kien ikollu relazzjonijiet ma' diversi nisa, anke ma' iktar minn mara wahda fl-istess zmien, u ghamel xi zmien f'relazzjoni mal-konvenuta u ma' ohtha f'daqqa. L-

[1] Fis-seduta tat-22 ta' April 2014 u fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2014.

attur jispjega kif meta r-ragel tal-konvenuta skopra bl-infedelta` taghha, il-konvenuta tkecciet mid-dar ta' ommha fejn kienet tghix ma' zewgha u ma' bintha Shirley, ta' sentejn, u sabet ruhha minghajr saqaf fuq rasha. L-attur ikompli jghid illi rranga ma' huh Raymond W biex il-konvenuta tmur tghix fid-dar tieghu u wara ftit taz-zmien, l-attur mar jghix maghha ghand huh ukoll sakemm eventwalment kera post San Giljan fejn mar jghix mal-konvenuta. Skont l-attur, huwa qatt ma kellu intenzjonijiet serji mal-konvenuta u ma kienx kuntent bis-sitwazzjoni, izda jispjega illi huwa ma setax itemm ir-relazzjoni maghha ghaliex filwaqt li lill-konvenuta kien jithassarha ghaliex ma kellha la finanzi u lanqas lil haddiehor biex jghinha, kull darba li kien jipprova jghidilha li ma jridx ikompli maghha, il-konvenuta kienet tinfexx f'isterizmu u biki u ggieghlu jhossu responsabbli ghas-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha ghaliex kienet tghidlu li hi abbandunat lil bintha biex tkun mieghu.

L-attur ifisser illi hu ma kienx ihobb lill-konvenuta u fl-istess zmien li kien f'relazzjoni maghha, qatt ma kien fidili lejha u kompla jiffrekwenta nisa ohrajn regolarment, oltre li kien baqa' wkoll johrog ma' shabu. Jghid illi l-konvenuta kienet konsapevoli dwar l-infedelta` tieghu. Jispjega wkoll kif il-genituri tieghu ma kienux kuntenti li huwa kien qed jghix ma' mara meta mhux biss ma kienux mizzewgin izda hi kienet ghadha mizzewga. Jghid ukoll li huwa ma riedx jinkwieta lil missieru specjalment, ghaliex kellu problemi f'qalbu u ma riedx ikun il-kagun ta' problemi iktar serji.

L-attur jissokta jispjega li meta l-konvenuta sseparat minn ma' zewgha u rnexxielha wkoll tikseb l-annullament tal-ewwel zwieg taghha, hi bdiet taghmel hafna pressjoni fuqu biex jizzewgu, u l-attur jispjega li hass ruhu intrappolat f'din ir-relazzjoni u ma setax isib iktar skuzi biex ma jizzewwigx lill-konvenuta. Jghid illi huwa ceda ghall-pressjoni biex jizzewwigha minkejja l-fatt li qatt ma ppropona z-zwieg, u dan anke biex ma jkomplix jaghti dispjacir lill-genituri tieghu. Ikompli jghid li filwaqt li qatt ma kien hemm imhabba jew gibda emottiva da parti tieghu lejn il-konvenuta, huwa ried jibqa' jghix hajja bla rbit.

Il-preparamenti ghat-tieg, skont l-attur, saru kollha mill-konvenuta minghajr wisq involviment da parti tieghu u meta zzewweg, kien konvint illi z-zwieg ma kienx ser idum wisq billi kien intiz li ma jbiddilx il-mod kif jikkonduci hajtu u ma kienx lest li jkun fidili lejn martu. Huwa jispjega li l-partijiet izzewgu civilment ukoll cirka hames xhur wara z-zwieg kattoliku, ghaliex b'hekk biss seta' jibbenefika minn rata ta' taxxa iktar favorevoli ghalih galadarba kien qed imantni lill-konvenuta finanzjarjament.

L-attur jispjega kif xi sena wara z-zwieg tieghu mal-konvenuta, huwa rega' beda relazzjoni ma' ohtha Tessa, li kienet anke marret tiltaqa' mieghu meta siefer Sqallija mat-tim tal-waterpolo. Hutu Raymond W u Timothy W, kif ukoll John

Salamone Reynaud, jikkonfermaw illi l-attur baqa' jintrattjeni din ir-relazzjoni extra-maritali ma' oht il-konvenuta wara li kien izzewweg, u kellu wkoll relazzjonijiet ma' nisa ohrajn. L-istess xhieda jikkonfermaw ukoll il-verzjoni tal-attur dwar id-dwejjaq li esprima l-attur ghall-prospett taz-zwieg tieghu mal-konvenuta immedjatament qabel it-tieg fil-Knisja.

L-attur jghid illi tant ma riedx jizzewweg lill-konvenuta illi sahanistra stieden lil zewg koppji ohra shabu biex isiefru maghhom fil-honeymoon biex ma jkunx wahdu mal-konvenuta, u fil-fatt wahda minn dawn il-koppji siefret maghhom. Apparti oht il-konvenuta, li r-relazzjoni maghha damet sejra sas-sena 2001, l-attur jghid li kellu relazzjonijiet ma' nisa ohrajn waqt iz-zwieg tieghu mal-konvenuta, u dan minghajr ebda rimors. Fil-fatt, jispjega illi minhabba f'hekk il-konvenuta tant saret possessiva li bdew jinholqu problem serji fir-relazzjoni taghhom ghaliex bdiet iggelldu minn mal-familja tieghu u kienet bdiet ukoll tixrob il-whisky kuljum anke fid-dar.

Jispjega wkoll li lanqas ried ikollu tfal miz-zwieg tieghu mal-konvenuta ghaliex huwa ma kienx intenzjonat li jdum hafna mizzewweg ma' martu, izda wara ftit xhur ta' zwieg, hija harget tqila ghaliex, skont l-attur, waqfet tiehu l-pillola kontracettiva minghajr ma qaltlu. Jissokta jghid illi t-twelid tat-tifla taghhom hassarlu l-pjanijiet li kellu biex jitlaq lill-konvenuta ghaliex issa hass ir-responsabbilita` ta' missier.

L-attur jispjega ulterjorment kif il-partijiet kienu ta' spiss ukoll jaraw films pornografici ma' koppji ohrajn inkluz ma' koppja barranija hbieb taghhom, u ghalkemm l-attur jghid li kien irid li jbiddel il-partner ma' koppji ohrajn, il-konvenuta ma kienetx tkun trid. Jghid illi huwa xorta wahda kien ikollu x'jaqsam mal-mara ta' siehbu minn wara dahar il-konvenuta u dan sew qabel kif ukoll wara z-zwieg bejn il-partijiet. Jispjega li kien irid ukoll li jdahhal mara ohra fir-relazzjonijiet sesswali ma' martu, izda hi kienet tirrifjuta.

Missier l-attur miet f'Jannar 2001 u skont l-istess attur, seta' jitlaq lill-konvenuta minghajr il-biza' li jinkwieta lil missieru u finalment ha l-pass biex jissepara. Il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 13 ta' April 2005.

**In kontro-ezami, l-attur** xehed illi huwa kien ihallas income tax bhala persuna single minkejja li kien izzewweg bil-knisja ghaliex l-Istat jirrikonoxxi biss zwieg civili, u kien ghalhekk li zzewweg civilment ukoll u li telaq mid-dar matrimonjali f'Marzu 2002 mhux ghaliex kellu relazzjoni ma' Anne Marie Zammit izda ghaliex il-partijiet lahqu ftehim bejniethom bil-miktub u ghaliex martu kienet il-hin kollu targumenta quddiem it-tifla taghhom meta kellha l-ezamijiet. Huwa jichad li l-konvenuta qabditu ma' Anne Marie Zammit ghalkemm jikkonferma illi ilu jghix maghha sa mill-2005.

L-attur ressaq ukoll bhala xiehda lil hutu **Denise Bauchman, Raymond W u Timothy W**, kif ukoll **John Salamone Reynaud** li lkoll xehdu permezz ta' Affidavit. Denise Bauchman u John Salamone Reynaud xehdu wkoll in kontro-ezami[2].

*Verzjoni Konvenuta*

**Il-konvenuta Y R sive F W** xehdet permezz ta' zewg Affidavits, wiehed mahluf fil-25 ta' Awwissu 2011[3] u iehor fis-16 ta' Gunju 2014[4] u xhedet estensivament in kontro-ezami kif ukoll in ri-ezami quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Xehdet li fit-23 ta' Frar 1985 hija zzewget lill-attur bil-knisja, meta kellu 27 sena u hi kellha 28 sena, wara li kienu ilhom johorgu flimkien u jikkoabitaw ghal cirka sentejn qabel iz-zwieg. Hames xhur wara z-zwieg kattoliku, huma zzewgu civilment fid-19 ta' Lulju 1985 u sena wara fis-6 ta' Marzu 1986 kellhom tifla, Lara. Il-konvenuta tghid li hija kienet dejjem fidili lejn zewgha u ghadha fidili lejh sallum. Tispjega wkoll li huma riedu jizzewgu malajr biex ikollhom it-tfal taghhom u kienu qeghdin jistennew biss id-decizjoni tal-annullament taz-zwieg taghha mal-ewwel ragel taghha, biex setghu jizzewgu, u wara li zzewgu, qatt ma hadu prekawzjonijiet waqt ir-relazzjonijiet intimi taghhom. Tghid ukoll li ghalkemm zewgha pprova jannulla z-zwieg taghhom fit-Tribunal Ekklwzjastiku, l-ezitu kien negattiv anke fi stadju ta' appell,

Xehdet li meta ltaqghet mal-attur, ma kienetx taf li huwa kien f'relazzjoni ma' ohtha Tessa, li dak iz-zmien kienet mizzewga. Tfisser li hi saret taf b'din ir-relazzjoni taghhom wara, meta kien qalilha r-ragel ta' ohtha, Felix. Tghid illi meta sussegwentement ikkonfrontat lil ohtha dwar din ir-relazzjoni, ohtha ammettiet li kellha relazzjoni mal-attur. Il-konvenuta tispjega illi meta r-ragel taghha skopra bl-infedelta` taghha, hi giet imkeccija mid-dar ta' ommha fejn kienet tghix mar-ragel u t-tifla taghhom, u ghamlet ftit taz-zmien tghix ghand huha Pio. Ghamlet xaharejn tghix fid-dar ta' huha qabel marret tghix ghand hu l-attur Raymond, u tispjega li kien l-attur stess li riedha tmur tghix hemmhekk. Tichad li missier l-attur kien skrupluz u tghid li huwa dejjem laqaghha u kien anke tellaghha fuq l-altar fit-tieg taghhom.

Il-konvenuta tghid ukoll li hija qatt ma abbandunat lil bintha mill-ewwel zwieg taghha, Shirley, anzi ghaddiet minn hafna diffikoltajiet, inkluz proceduri l-Qorti, biex setghet tirbah lil bintha lura mill-kustodja tal-ewwel ragel taghha. Tispjega fir-rigward illi ghalkemm l-attur ma semma xejn minn dan fix-xhieda tieghu,

[2] Fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2013 u tal-20 ta' Mejju 2014 rispettivament.
[3] Fol. 13
[4] Fol. 119 *et seq.*

bintha Shirley damet tliet snin tghix maghha u mal-attur qabel izzewgu, u baqghet tghix maghhom anke matul iz-zwieg taghhom. Tghid ukoll li meta kisbet l-annullament tal-ewwel zwieg taghha, hi marret flimkien mal-attur quddiem Monsinjur Said Pullicino biex hu jkun cert li t-tnejn li huma kienu lesti biex jidhlu ghaz-zwieg u t-tnejn kienu assigurawh li riedu jizzewgu lil xulxin u jibdew familja.

Il-konvenuta tichad li l-attur kien intrappolat biex jizzewwigha, u tghid illi huwa ma kien taht ebda pressjoni ghaliex apparti li missieru ma kienx inkwetat bis-sitwazzjoni taghhom, kieku l-attur ma kienx irid jerga' jizzewwigha hames xhur wara bir-rit civili. Tghid ukoll illi l-attur kien ferhan u kburi hafna meta sar jaf li kienet harget tqila bit-tifla taghhom Lara, u tispjega li kienet decizjoni taghhom it-tnejn li jistennew sa wara jizzewgu biex ikollhom it-tfal. Tfisser ulterjorment illi kieku riedet tintrappolah, kienet tipprova tohrog tqila qabel izzewgu.

Il-konvenuta tghid illi ghalkemm ma kienetx relazzjoni perfetta, ir-relazzjoni matrimonjali tal-partijiet kienet wahda mimlija mhabba, u tichad li kienet taf jew tissuspetta li l-attur kellu nisa ohrajn waqt li kienu mizzewgin. Skont il-konvenuta, kien biss fis-sena 2001 li hija qabdet lil zewgha f'relazzjoni ma' habiba komuni taghhom. Skont hi, l-attur kien dejjem jittrattaha b'rispett u mhabba u bidel l-atteggjament tieghu biss fis-sena 2001 meta beda relazzjoni ma' Anne Marie Zammit li ghadu maghha sallum.

**In kontro-ezami**, **il-konvenuta xehdet**, fost ohrajn, dwar is-safra tal-attur gewwa Sqallija mat-tim tal-waterpolo, u spjegat illi meta l-attur gie minn Sqallija, inqala' incident meta r-ragel ta' ohtha Tessa, Felix, hebb ghal zewgha armat b'arma tan-nar u kanna. Ghalkemm tghid illi ma tafx b'hiex ried jakkuzah, il-konvenuta stqarret li Felix kien qed jghid li X kien imur ma' ohtha Tessa, il-mara tieghu, fil-passat. Ma tiftakarx jekk dakinhar tal-incident, Felix kienx qed jallega li Tessa kienet telghet Sqallija biex tiltaqa' mal-attur izda sussegwentement, tammetti li r-ragel t'ohtha gie biex isawwat lill-attur ghax qal li kellu relazzjoni mal-mara tieghu Tessa. Dan l-incident gara fit-3 ta' Awwissu 1986. Ghalkemm il-partijiet ghamlu rapport lill-Pulizija dwar l-incident, tispjega li ohtha qaltilha biex tirtira kollox ghax zewgha kien qed jimmagina.

Il-konvenuta tammetti illi l-attur u huh Raymond u l-mara tieghu Stephanie Huntingford, kienu jiehdu gost jaraw films pornografici u tistqarr illi zewgha kien jghidilha li kienet il-holma tieghu li jdahhal mara ohra fis-sodda. Tikkonferma wkoll illi l-koppja barranija Branjo u Lila kienu hbieb tal-partijiet anke minn qabel iz-zwieg taghhom, u illi l-attur kien ippropona illi jbiddlu l-partners ma' din il-koppja u kif ukoll ma' shabu John u Josette Salamone Reynaud. Tghid ukoll illi l-iktar haga li xtaq zewgha waqt iz-zwieg kien li jgib mara ohra maghhom,

izda hi ma kienetx tacetta.  Kien anke jghidilha biex taghzel mara hi izda xorta ma accettatx.

Ikkunsidrat;

**Azzjoni tal-Attur**.

L-attur isejjes il-kawza minnu intavolat, esklussivament fuq il-'caput nullitatis' kontemplat mill-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 li jipprovdi:-

*"19 (1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:-*

***f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.****"*

Illi l-gurisprudenza in materja hija konkordanti illi sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg taht l-Artikolu 19(1)(f), irid jigi necessarjament ippruvat ukoll li xi wiehed mill-partijiet eskluda z-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi necessarji taz-zwieg, kif ukoll li xi wiehed mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni tal-kunsens tieghu jew taghha.

L-Artikolu 19(1)(f) jipprospetta l-ipotesi ta' simulazzjoni totali (*colorem habens, substantiam vero nullam*) kif ukoll l-ipotesi ta' simulazzjoni parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram*) tal-kunsens matrimonjali.

Ikkunsidrat;

Rigward l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, ossia simulazzjoni totali, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Bonnici v. Bonnici**[5] irriteniet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat li l-*finis operis* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-volonta` ta' parti jew ohra fiz-zwieg, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.  Inoltre, fis-sentenza **Cali v. Grech**, l-istess Qorti[6] qalet illi tezisti simulazzjoni totali taz-zwieg jekk xi hadd mill-partijiet, ghalkemm prezenti ghac-cerimonja tat-tieg biex esternament taghti l-kunsens taghha, tkun issostitwiet internament l-ideat taghha fuq x'inhuwa verament iz-zwieg, jew inkella b'mod iehor teskludi l-veru kuncett taz-zwieg.

[5] Deciza fit-30 ta' Lulju 1982.
[6] Deciza fit-22 ta' Gunju 1988.

Dan il-kuncett ta' simulazzjoni totali tal-kunsens matrimonjali gie mfisser hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Muscat v. Borg Grech**[7]:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu."*

Ikkunsidrat;

Illi rigward l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga gie ritenut fis-sentenza recenti **Simon Cusens v. Romina Cusens**[8] illi sabiex zwieg jigi kkunsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz in dizamina, irid jirrizulta ppruvat li entrambi l-partijiet jew xi hadd mill-partijiet tkun hadet decizjoni li ghalkemm ser tippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg[9]. Fi kliem iehor, filwaqt li esternament tidher li qed taghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali, dik il-parti tkun fl-istess hin u minn qabel ma tat il-kunsens taghha, diga` mentalment eskludiet *a priori* d-dispozizzjoni taghha li tottempera ruhha ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Abdel Wahed vs. Dr. Yana Micallef Stafrace et noe**[10], elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-"*komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied*"[11]. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **Aquilina v. Aquilina[12]** u fis-sentenza **Grech v. Grech**[13].

Fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Atkins v. Matilde Atkins** gie ritenut in materja tal-elementi essenzjali tal-zwieg ghall-finijiet ta' nullita` taz-zwieg a tenur tal-Artikolu 19(1)(f) li:-

*"... rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghall-komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied."*

---

[7] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awwissu 1995.

[8] 104/2010, deciza minn din il-Qorti kif preseduta fl-10 ta' Dicembru 2014, u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Frar 2016.

[9] Tezisti gurisprudenza ampja in materja, fosthom is-sentenzi **Galea vs Walshi** (Prim'Awla tal-Qorti Civili – 30 ta' Marzu 1995); **Muscat vs Borg Grech** (Prim'Awla tal-Qorti Civili - 14 ta' Awissu 1995); **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** (Qorti ta' l-Appell – 27 ta' Jannar 2006).

[10] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 14 ta' Lulju 1994.

[11] Citata mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza 237/14.

[12] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 30 ta' Jannar 1991.

[13] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 9 ta' Orrubru 1990.

Jinghad ukoll illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u cioe` l-*consortium vitae* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Magri v. Magri**:-

*"Jekk din il-consortium vitae hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-consortium vitae tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Ikkunsidrat;

Illi fil-kaz tallum l-attur jghid li z-zwieg tieghu mal-konvenuta huwa null ghaliex huwa eskluda mill-kunsens matrimonjali tieghu l-element tal-*consortium vitae*, ghaliex jghid illi filwaqt li ma kienx ihobb lill-konvenuta u ma riedx izewwigha, lanqas ma kellu xi intenzjoni li jkun fidili lejha jew li jkollu ulied minn dan iz-zwieg. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur fisser illi huwa eskluda pozittivament mill-kunsens matrimonjali tieghu, l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, kif ukoll il-komunjoni tal-hajja u prokreazzjoni u trobbija tal-ulied fiz-zwieg.

Il-Qorti, wara li fliet id-depozizzjonijiet tal-partijiet u tax-xhieda taghhom, tqis illi ma jirrizultax ippruvat li l-attur eskluda kompletament, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-kuncett proprju taz-zwieg innifsu. Fil-fehma tal-Qorti, il-verzjoni tal-attur illi huwa ma riedx jizzewweg lill-konvenuta ghaliex ma kienx ihobbha u illi dahal ghaz-zwieg kontra qalbu u bl-intenzjoni pozittiva li jara kif jaghmel biex iz-zwieg ma jdumx hafna, ma hijiex verosimili u lanqas ma hija sorretta mill-provi akkwiziti.

Jirrizulta inkontestat illi l-partijiet, wara iktar minn tliet snin ta' konvivenza, izzewgu l-ewwel bir-rit Kattoliku u wara hames xhur, regghu izzewgu civilment meta l-konvenuta rnexxielha tikseb l-annullament civili tal-ewwel zwieg taghha. Il-Qorti ma hijiex konvinta bil-verzjoni tal-attur illi huwa ma setax itemm ir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta ghaliex kien jithassarha u ghaliex kienet iggieghlu jhossu responsabbli ghall-fatt li abbandunat lil bintha mill-ewwel zwieg taghha, biex tkun mieghu. Pjuttost, jirrizulta inkontradett mix-xhieda tal-konvenuta illi fiz-zmien meta bdiet tghix flimkien mal-attur fit-tieni post li kera gewwa San Giljan, l-attrici kien diga` rnexxielha tikseb lura l-kustodja ta' bintha Shirley, tant illi l-istess bintha marret tghix mal-partijiet, u damet tghix maghhom mhux biss matul it-tliet snin qabel izzewgu, izda wkoll matul iz-zwieg taghhom.

Ikkunsidrat;

Illi huwa minnu li r-relazzjoni bejn il-partjiet nibtet f'cirkostanzi mhux deziderabbli, non di meno il-fatt li dak iz-zmien il-konvenuta kienet mizzewga u l-attur kien jinsab f'relazzjoni ma' ohtha Tessa li wkoll kienet mizzewga. Huwa minnu wkoll li dawn ic-cirkostanzi taw lok ghal sfidi kbar fir-relazzjoni bejn il-partijiet meta l-konvenuta spiccat tkecciet mid-dar t'ommha fejn kienet tghix mal-ewwel ragel taghha, meta dan sar jaf bl-infedelta` taghha, u meta tilfet ukoll ghal ftit taz-zmien il-kustodja ta' bintha. Jirrizulta wkoll illi l-attur spicca fil-mira ta' theddid minn hut il-konvenuta minhabba c-cirkostanzi tar-relazzjoni taghhom.

Madanakollu, il-provi juru illi meta finalment l-attur kera l-post gewwa San Giljan u l-partijiet bdew joqghodu flimkien hemmhekk mal-ewwel wild tal-konvenuta, irnexxielhom jeghlbu dawn l-isfidi u r-relazzjoni bejniethom saret wahda stabbli, tant illi l-konvenuta fittxet li tikseb l-annullament tal-ewwel zwieg taghha biex il-partijiet jistghu jizzewgu. L-attur innifsu xehed hekk in kontro-ezami:-

"*Da parti tieghi, jien kont niehu gost biha ghax hi kienet tikkuntentani u kont komdu.*"

Fuq kollox, huwa fatt inkontrovertibbli li l-partijiet damu mizzewgin ben sittax-il sena, sakemm l-attur telaq mid-dar matrimonjali. Il-Qorti tqis illi kieku l-attur kellu l-hsieb li jeskludi l-kuncett taz-zwieg fil-mument tal-ghoti tal-kunsens konjugali, il-partijiet ma kienux jibqghu jghixu flimkien sittax-il sena. Ghalkemm m'hemmx wisq taghrif fl-atti processwali dwar il-*modus vivendi* tal-partijiet fil-hajja matrimonjali taghhom, il-Qorti setghet tislet mill-provi illi l-partijiet ghamlu hafna zmien jghixu bhala familja ma' binthom Lara u ma' bint il-konvenuta, Shirley, oltre li kienu jiltaqghu mal-hbieb taghhom kif ukoll jattendu ghall-okkazzjonijiet tal-familja. Mix-xhieda ta' Denise Buchman, jirrizulta wkoll illi l-partijiet kienu jiltaqghu mal-familja tal-attur kull nhar ta' Hadd ghall-ikel.

Jirrizulta wkoll illi wara inqas minn sena ta' zwieg, il-partijiet kellhom tifla. Il-Qorti lanqas ma hija konvinta mill-verzjoni tal-attur li huwa ma riedx tfal miz-zwieg u illi l-konvenuta waqfet tiehu l-kontracezzjoni ad insaputa tieghu. Il-Qorti tifhem illi kieku l-konvenuta riedet tinqabad tqila biex tintrappola lill-attur biex jizzewwigha, dan kienet taghmlu ferm qabel u mhux wara li kienu diga` zzewgu.

Ghalhekk, l-ipotesi tas-simulazzjoni totali tal-kunsens matrimonjali tal-attur ma jikkonfigurax f'dan iz-zwieg u certament ma jirrizultax illi l-attur eskluda pozittivament iz-zwieg meta zzewweg lill-konvenuta, u lanqas jirrizulta li huwa eskluda mill-kunsens konjugali tieghu il-prolazzjoni tal-ulied fiz-zwieg.

Ikkunsidrat;

Madanakollu, mill-assjem tal-provi akkwiziti f'din il-kawza, il-Qorti hija tal-fehma konvinta illi ghalkemm fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg tieghu mal-konvenuta, l-attur ma kienx eskluda b'att pozittiv tieghu il-kuncett taz-zwieg veru u proprju, kien eskluda definittivament l-element tal-fedelta` konjugali. Il-Qorti temmen illi l-attur ried jizzewweg lill-konvenuta u ma tqisx bhala verosimili l-verzjoni tieghu li huwa sab ruhu intrappolat f'relazzjoni li ma setax johrog minnha, izda temmen ukoll li huwa ma kienx preparat li jibdel il-mod kif jghix hajtu u ma kienx dispost jghix hajja monogoma billi jkun fidili lejn martu.

Gie ppruvat sodsfacentement illi l-attur qatt ma kien fidili lejn il-konvenuta, la qabel izzewgu, cioe` waqt il-konvivenza extra-matrimonjali taghhom li damet ftit iktar minn tliet snin, u lanqas wara z-zwieg. Jirrizulta illi l-infedelta` tal-attur kien element inerenti fir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta tant illi r-relazzjoni bejniethom nibtet proprju mill-infedelta`, liema infedelta` ssoktat b'mod konsistenti tul ir-relazzjoni konjugali, filwaqt li l-istess relazzjoni konjugali jidher li intemmet finalment b'episodju iehor ta' adulterju da parti tal-istess attur.

Mill-preponderanza tal-provi il-Qorti hija konvinta illi l-attur kien jiffrekwenta nisa ohrajn fi zmien ferm prossimu taz-zwieg bejn il-partijiet. Ghalkemm hutu kollha xehdu b'mod generali li l-attur kien ihobb in-nisa u baqa' jiffrekwenta nisa ohrajn anke meta kien f'relazzjoni mal-konvenuta, l-iktar xhieda attendibbli fir-rigward hija dik ta' hu l-attur, Raymond W, li ddikjara b'mod inkontradett illi l-attur, matul iz-zmien kollu li kien mal-konvenuta, dejjem kellu nisa ohrajn. Il-konvenuta stess tistqarr li l-attur kien ihobb johrog ma' diversi nisa meta, in kontro-ezami, ikkonfermat l-ezistenza tal-*black book* li huwa kien izomm bl-ismijiet tan-nisa li kien jiffrekwenta[14].

Raymond W xehed ukoll illi l-attur ta' sikwit kien imur ma' xi mara go proprjeta` vojta li x-xhud kellu access ghaliha bhala parti minn xogholu, u kien proprju hu li kien jislef lill-attur ic-cwievet. Ix-xhud iddeskriva wkoll kif spiss kien jara l-karozza tal-attur ipparkjata vicin dawn il-proprjetajiet li kien jisilfu, u kif darba minnhom wassal lil huh l-attur ghand mara Ingliza li kienet separata u toqghod Birkirkara. Skont ix-xhud, huh kien jara lil din il-mara regolarment.

Li l-attur u oht il-konvenuta kienu involuti f'relazzjoni extra-matrimonjali flimkien fiz-zmien meta l-attur iltaqa' mal-konvenuta, jirrizulta b'mod inkontestat mid-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha li xehdu f'din il-kawza, anke mix-xhieda tal-konvenuta nnifisha, li stqarret li saret taf bir-relazzjoni bejniethom ghaliex kienet qaltilha ohtha stess. Il-Qorti tosserva illi oht il-konvenuta ma xehditx f'din il-kawza ghaliex il-partjiet jaqblu illi llum tinsab f'koma wara incident stradali.

[14] Fol. 148.

Ikkunsidrat;

Jirrizulta inqas minn sena wara z-zwieg, appuntu f'April tas-sena 1986, l-attur rega' beda jiffrekwenta lil oht il-konvenuta, Tessa, u ssokta fir-relazzjoni sesswali li kellu maghha qabel kien izzewweg lill-konvenuta. L-attur jghid li rega' beda jiltaqa' ma' Tessa wara li twieldet bintu Lara, f'Marzu 1986 u r-relazzjoni maghha damet sejra diversi snin. L-episodju dwar is-safra gewwa Sqallija mat-tim tal-waterpolo f'Gunju 1986, fejn l-attur jallega li qatta' z-zmien kollu gewwa lukanda differenti mill-bqija tat-tim, jinsab konfermat minn John Salamone Reynaud, li stqarr li l-konvenut qatt ma raqad fil-lukanda mal-bqija tat-tim. Izda fuq kollox, dan l-episodju ta' infedelta` jinsab konfortat mill-kontro-ezami tal-konvenuta fejn stqarret illi meta l-attur gie minn Sqallija, inqala' incident ma' Felix, ir-ragel ta' ohtha, meta huwa hebb ghall-attur armat b'arma tan-nar u kanna. Il-konvenuta, ghalkemm ghall-bidu qalet li ma kienet taf b'xejn li r-ragel ta' otha beda jakkuza lill-attur, sussegwentement stqarret illi:-

*"L-incident meta Felix ir-ragel t'ohti gie biex isawwat lil X kien wara li zzewwigna u gie ghax qal li X kellu relazzjoni mal-mara tieghu li X cahadha, jista; jkun li dan kien wara li X gie lura minn Sqallija dan kien 3 Qugust* [*recte.* August] *1986."*

Xehdet ukoll li:-

*"Ghamilna rapport mal-pulizija imma ohti qaltli biex nirtira kollox gha Felix kien qed jimmagina".*

Maghdud dan, il-Qorti ma tistax twarrab ix-xhieda mhux kontestata ta' Raymond W li xehed hekk fl-Affidavit tieghu:-

*"Xi sena wara li X u F izzewgu, bdejt nara regolarment il-karozza ta' oht F (Tessa) tkun ipparkjata fil drive-in tal-villa jew hdejn l-appartament li kont sellift lil X. Tessa kellha Mazda ............."*

Ma ntweriet ebda raguni kwalsiasi ghaliex id-depozizzjoni ta' dan ix-xhud ghandha tigi mwarrba, specjalment meta din il-verzjoni ta' fatti tinsab korroborata mill-assjem tal-provi, partikolarment mill-istqarrijiet tal-konvenuta stess, fuq citati.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi jigi osservat ukoll illi l-provi skjetti dwar l-infedelta` tal-attur ma humiex limitati ghar-relazzjoni li huwa kellu ma' oht il-konvenuta qabel u wara z-zwieg. Jirrizulta mill-assjem tal-provi illi l-infedelta` tal-attur tant kien fattur intrinsiku

fil-modus vivendi tal-konvenut, li ma jista jifdal ebda dubju li fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu, l-attur qatt ma seta' kien qed jaghti l-kunsens ghal unjoni esklussiva ma' martu. Fil-fatt, f'dan il-kuntest, il-verzjoni tal-attur tinsab korraborata minn diversi stqarrijiet tal-konvenuta in kontro-ezami, fosthom li kienet il-holma ta' zewgha li jgib mara ohra mieghu fir-relazzjonijiet sesswali bejn il-koppja, u li kien sahanistra jghidilha biex taghzel il-mara hija stess. Skont il-konvenuta:-

*"... jien kont nghidlu le u li dan kien ghall-prostituti u mhux ghall-mizzewgin."*[15]

Jirrizulta ppruvat ukoll illi qabel iz-zwieg, il-partijiet kellhom koppja barranija hbieb taghhom, certu Branjo u Lila u skont l-attur, huwa ried ibiddel *partners* maghhom izda l-konvenuta ma accettatx. L-attur xehed illi huwa xorta wahda kellu relazzjonijiet sesswali mal-imsemmija habiba taghhom minn wara dahar martu, u dan kien jigri qabel iz-zwieg kif ukoll wara z-zwieg bejn il-partijiet sas-sena 1987 meta l-koppja hbieb taghhom telqu minn Malta. F'din il-verzjoni l-attur jinsab ikkorroborat mill-konvenuta nnifisha li, in kontro-ezami, stqarret hekk:-

*"Kellna koppja hbieb Branjo u Lila kienu Cekozlovaki konna niltaqghu mhux regolari bit-tfal ... <u>Dawn kienu hbieb qabel izzewwgina</u> dak iz-zmien kelli lil Shirley biss. ... X kien issuggerixxa li we swap partners ma' Branjo u Lila kif ukoll ma' John u Josette Salamone Reynaud; kien jghidli li l-iktar li xtaq kien li jgib mara ohra mieghu u ma kontx naccetta."* [Sottolinejar tal-Qorti]

Din l-istqarrija tikkonferma kif effettivament l-attur ried jintroduci dan l-element tal-infedelta` fir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta sew qabel iz-zwieg, kif ukoll fil-hajja konjugali taghhom. Il-partijiet jaqblu wkoll fil-verzjonijiet rispettivi taghhom li huma kienu jaraw films pornografici ma' hu l-attur, Ray u martu Stephanie[16], u illi l-attur kien jiehu gost jara dawn il-films[17] - delizzju li bla dubju huwa konsonanti ferm mal-imgieba infidili tieghu.

Illi minn dan kollu, il-Qorti tikkonkludi wkoll illi kuntrarjament ghal dak li tallega l-konvenuta, hija kienet evidentement konxja mill-infedelta` ta' zewgha jew talanqas, li ma kellux il-hsieb li jkun fidili lejha waqt iz-zwieg, u dan bla dubju kien is-sors tal-atteggjament possessiv tal-konvenuta fil-konfront ta' zewgha.

Ikkunsidrat;

---

[15] Kontro-ezami tal-konvenuta a fol. 178.
[16] Kontro-ezami tal-konvenuta a fol. 178.
[17] Kontro-ezami tal-konvenuta a fol. 156.

Illi kif ritenut fis-sentenza **John Micallef Engerer v. Corinne W**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru 2002:-

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz, gie ritenut mil-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perijodu limitatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*."

Illi mill-provi akkwiziti f'dan il-kaz dwar l-infedelta` kostanti tal-attur mhux biss tul iz-zwieg kollu, izda anke fi zmien tant prossimu ghaz-zwieg, jirrizulta sodisfacjentement illi l-attur qatt ma assoggetta ruhu ghall-obbligu ta' fedelta' li z-zwieg igib mieghu. F'dan l-isfond, il-Qorti ma tistax tirravviza fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tal-istess attur, l-intenzjoni li jifforma ma' martu l-konvenuta "*unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u imhabba*"[18]. Pjuttost, l-unjoni konjugali esklussiva kienet definittivament u pozittivament eskluza mill-attur li, evidentement, ried jibqa' jghix hajja ta' guvni minghajr irbit fir-relazzjonijiet sesswali ma' nisa ohra b'mod illi l-att konjugali qatt ma kien rizervat ghal martu.

Illi kif ritenut fil-kawza **Al Chahid v. Mary Spiteri**, taht l-Artikolu 19 (1)(f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien diga` mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament[19].

F'dan il-kaz tallum, il-konsistenza tal-agir tal-attur qabel u kif ukoll wara z-zwieg, fejn baqa' jintrattjeni relazzjonijiet intimi ma' diversi nisa minkejja r-rabta konjugali mal-konvenuta, ma thalli ebda dubju fil-fehma tal-Qorti li l-kunsens tal-attur f'dan il-kaz kien vizzjat a bazi tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg tal-partijiet l-attur kien qed jeskludi l-obbligu tal-fedelta` mir-relazzjoni tieghu ma' martu l-konvenuta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti tirravviza n-nullita` taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255.

Tenut kont li l-Qorti qed tiddeciedi li z-zwieg tal-partijiet huwa null ghal ragunijiet imputabbli esklussivament lill-attur; il-Qorti qed tikkundanna lill-attur ihallas l-ispejjez ta' din il-kawza.

---

[18] *Supra.*
[19] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju 2002.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-kawza billi filwaqt li tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talba tal-attur u tiddikjara illi z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fid-19 ta' Lulju 1985 huwa null minhabba li l-kunsens tal-attur kien ivvizzjat ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Att dwar iz-Zwieg.

Tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta u tordna li l-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu esklussivament mill-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**